# INFORMATION SHEET

**IKUN IMFAĦĦAR GESÙ KRISTU!**

**AZZJONI KATTOLIKA MALTIJA**
**ISTITUT KATTOLIKU**
**FLORIANA FRN 1441**
**TEL: 21 222239/ 21 237031**
**Website: www.akmalta.org**
**Email:** infosheet@akmalta.org

**MARZU 2010** **NUMRU 252**



Il-Presidenza Ġenerali, Il-Membri tad-Direttorju u d-Diriġenti ċentrali
Jixtiequ jagħtu l-GĦID IT-TAJJEB
lid-Diriġenti Parrokkjali, Assistenti Ekkleżjastiċi,
lill-Membri kollha tal-Azzjoni Kattolika Maltija u l-Familjari, Benefatturi
lill-Familja Kbira tal-Morda u dawk b'Diżabilità, lill-Anzjani b'mod speċjali
dawk tad-Dar Familja Mqaddsa, Naxxar.

# MADWARNA

**Sistema ġdida ta' telefonija u 'internet'** - Fil-binja tal-Istitut Kattoliku ġiet introdotta sistema ġdida ta' telefonija bil-PABX u 'internet'. Fis-sular tal-AKM biss għadna ma introduċejniex din is-sistema. Wara d-diskussjonijiet u ftehim neċessarji ġie deċiż li aħna ukoll ikollna din is-sistema. L-ispiża se tammonta għall-aktar minn € 3,500.00 u l-amministrazzjoni, l-friegħi kollha kif ukoll il-kummissjonijiet se jagħtu s-sehem tagħhom biex din is-somma titħallas.

**Ġenerożità waqt l-Iskola tal-Appostolat** - Waqt l-Iskola tal-Appostolat għamilt appell biex iċ-ċirkoli jorganizzaw għall-anqas attività waħda f'sena b'risq A.K.M. u jkunu jistgħu joffru donazzjoni biex inkopru xi ftit mill-ispejjeż kbar li għandha l-amministrazzjoni. Fuq suġġeriment minn membru preżenti saret ġabra spontanja li ammontat għal kważi € 80.00. Ftit jiem wara ċ-ċirkolu tan-Nisa tal-Marsa offra donazzjoni ta' € 100.00. Grazzi ħafna, ħafna, u nittama li ċirkoli oħrajn kif ukoll il-gruppi taż-ŻAK jimxu fuq dan l-eżempju.

**Żjara tal-Q.T. il-Papa f'Malta** - L-A.K.M. qed tagħti sehem kbir fl-attivitajiet bi preparazzjoni spiritwali qabel iż-żjara tal-Q.T. il-Papa fostna. Hu ta' pjaċir kbir għalina li ż-ŻAK, il-Kummissjoni Morda u Persuni b'Diżabilità u l-A.K.M. ġew mitluba mill-kumitat organizzattiv taż-Żjara tal-Papa biex fuq livell nazzjonali, jiġifieri għall-Malta kollha, jorganizzaw katekeżi għaż-żgħażagħ, katekeżi għall-morda u servizz Penitenzjali għal kulħadd rispettivament.

**Servizz Penitenzjali** - Il-qofol taż-żjara tal-Papa fostna se tkun il-quddiesa fuq il-fosos tal-Furjana l-Ħadd, 18 t'April filgħodu. Bi preparazzjoni għal din il-quddiesa l-A.K.M., bis-sehem tal-friegħi kollha, se tmexxi Servizz Penitenzjali għall-kulħadd is-Sibt 17 t'April, wara li l-Papa jitlaq mill-Palazz, fil-Knisja ta' San Franġisk, il-Belt. Il-ħsieb huwa li jkun hemm numru kbir ta' nies li jersqu għas-sagrament tal-qrar. Nitolbu biex bil-preżenza u sehem tagħna f'dawn l-attivitajiet inwasslu oħrajn biex ikunu preżenti huma wkoll u jgħixu l-esperjenza magħna.

**Ċenaklu** - Inkluż fil-programm tas-Seminar tal-'Leaders 20 +' kellna ċ-Ċenaklu tad-diriġenti kollha li huma responsabbli mit-tmexxija fil-friegħi. L-atmosfera kienet waħda ta' għaqda bejnietna lkoll, żgħażagħ u adulti, bħala familja waħda. Mill-ħsieb tal-quddiesa rriflettejna fuq il-mod tas-servizz li nagħtu li rrid dejjem"Naqdi u Nservi".

Carmen Agius
**President Ġenerali**

## Attivitajiet għax-Xahar ta' Marzu 2010

| | | |
|---|---|---|
| Il-Tlieta 2 | Direttorju Ġenerali | Direttorju fis-6.00 p.m. Istitut Kattoliku, Floriana |
| Il-Ħamis 4 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 a.m. |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m.<br>Istitut Kattoliku, Floriana |
| Il-Ġimgħa 5 | Fergħa Nisa | *World Day of Prayer* fil-Knisja ta' Sarria fl-10.30 a.m. |
| Il-Ġimgħa 5 sal-Ħadd 7 | Ż.A.K. | *Live- in* Ż.A.K. San Ġiljan |
| Il-Ħadd 7 | Ż.A.K. | *Support Group* – Laqgħa bejn ir-rappreżentanti taċ-ċentri |
| | Ż.A.K | *Crossroads* – attivita' ta' preparazzjoni għall-miġja tal-Papa organizzata minn Ż.A.K. B'Buġia |
| | Ż.A.K. | Ż.A.K. Marsaxlokk – laqgħa bħala preparazzjoni għall-miġja tal-Papa. |
| L-Erbgħa 10 | Kummissjoni Ħidma Morda | Laqgħa tal-Eżekuttiv fis-6.00 p.m.<br>Istitut Kattoliku, Floriana |
| It-Tnejn 15 | Fergħa Rġiel | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 p.m.<br>Istitut Kattoliku, Floriana. |
| L-Erbgħa 17 | Direttorju Ġenerali | Direttorju u Entita' fis-6.00 p.m. Istitut Kattoliku, Floriana |
| Il-Ħamis 18 | Fergħa Nisa | Skola tal-Appostolat f'Sala Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana, fid-9.30 a.m. |
| Il-Ġimgħa 19 | Ż.A.K. | Spiritual Seminar – ***At your Service*** – for members 20+ |
| Il-Ġimgħa 19 sal-Ħadd 21 | Ż.A.K. | Ż.A.K. B'Bugia *live-in* |
| L-Erbgħa 24 | Fergħa Nisa | Laqgħa Formattiva, f'Sala Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana, fid-9.30 a.m. |
| Is-Sibt 27 sal-Ħadd 28 | Ż.A.K. | Ż.A.K. B'Bugia jorganizzaw Pagaent tal-Passjoni. |
| Il-Ħadd 28 sal-Ħadd 4 t'April | Ż.A.K. | *Easter Course* ġewwa l-Estonia – *Equal Respect, Human Dignity* |
| It-Tnejn 29 sat-It-Tlieta 30 | Ż.A.K. | Katekeżi bħala preparazzjoni għal-miġja tal-Papa organizzati minn Ż.A.K. |
| It-Tnejn 5 t'April | Fergħa Nisa/Romol | Laqgħa għal Presidenti u Delegati Romol tal-Fergħa Nisa<br>Fejn : Sala Mons Dandria, Istitut Kattoliku Floriana<br>Kelliema:- Ms Phyllis Falzon – Superjura Ġenerali – M.U.S.E.U.M.<br>Ħin:- mid-9.30 a.m. sal-11.00 a.m.<br>Suġġett : Il-Valuri tal-Mara fid-Dinja tal-Lum. |

**KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITA'**

***SOLIDARJETA'*** Dan il-Programm iddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità, u ppreżentat mill-Kummissjoni tagħna fuq Radju Malta qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fis-7.15 p.m. Id-Dati għax-xahar ta' Marzu huma :-7, 14, 21, u 28.

---

**Fergha Xebbiet Adulti** Marzu huwa x-xahar iddedikat lil San Ġużepp. Nitolbuh iħares lil Familja Maltija.

**SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TAL-AZZJONI KATTOLIKA**

## Ġimġħa ta' Saġrifiċċju 2010 - 26 ta' Marzu – 2 t'April
## 'Ma Ndawrux Wiċċna Għall-Bniedem fil-Bżonn'

Bl-approvazzjoni ta' Mons. Arċisqof, is-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika qiegħed jorganizza għal darb'oħra 'Ġimgħa ta' Saġrifiċċju' bejn is-26 ta' Marzu u t-2 ta' April 2010 (Festa tad-Duluri u l-Ġimgħa l-Kbira). Din hija it-43 sena li qed isir dan.

In-Nisrani li hu konvint fil-mixja tiegħu jasal biex jorbot il-fidi u l-ispiritwalita' tiegħu mal-interess ġenwin f'ħaddieħor speċjalment ma' dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjeta'. Għalhekk ma nistgħux inkunu nsara tajba u fl-istess ħin indifferenti għat-tbatijiet ta' ħaddieħor

B'dan il-messaġġ il-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju qed tistieden lil kulħadd għal din l-għażla fil-ħajja.

Kull sena l-pubbliku Malti jwieġeb għall-messaġġ tal-ĠIMGĦA TA' SAGRIFIĊĊJU' b'impenn ġeneruż. Grazzi għal dan, ħutna fid-diffikulta' jsibu l-għajnuna li tant ikunu jeħtieġu.

Attivitajiet li intom għandkom tieħdu sehem sħiħ fihom

a) Twasslu b'kull mod il-Messaġġ tal-Papa għar-Randan fost il-membri tal-A.K.M. u l-komunita' kollha parrokkjali. Messaġġ li jibqa' is-sena kollha magħna.

b) Ġabra fil-Knejjes:
Dan se jsir BIL-KAXXI kif inhu miftiehem mal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi u l-Kunsill tal-Kappillani.
Għalhekk matul il-ġranet tal-'Ġimgħa ta' Sagrifiċċju' għandhom jitpoġġew kaxxi fil-knejjes għal dan l-iskop. Huwa ferm importanti li l-Kappillan/Arċipriet jiġbed l-attenzjoni tal-Fidili dwar dawn il-kaxxi. Jekk dan ma jsirx ikun hemm tnaqqis sostanzjali mill-ġbir li kien isir qabel, b'konsegwenzi xejn sbieħ fuq il-ħidma tas-Segretarjat Assistenza Soċjali

c) Frott ta' Ċaħdiet Personali.
Ftit ilu rċevejtu, numru żgħir ta' appelli b'kaxxi tal-'20c ta' Ewro'. Dawn għandhom jitqassmu lill-membri li bi spirtu ta' ċaħda u saġrifiċċju jimlewhom b'kontribut personali u mingħand il-familjari u ħbieb.

d) Dipartimenti tal-Gvern, Skejjel u Industriji
Bil-permess tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u fil-każ ta' skejjel, bil-permess ukoll tad-Direttur Ġenerali tal-Edukazzjoni, se jsir ġbir għal din il-'Ġimgħa ta' Sagrifiċċju'. Kull membru tal-A.K.M. li jaħdem mal-Gvern għandu jgħin biex dan il-ġbir ikun organizzat tajjeb. L-istess għal min jaħdem mal-privat.

Flus Miġbura
Il-flus kollha miġbura m'għandhomx jiġu mħallta u għandhom jaslu l-Uffiċċju S.A.S., l-Istitut Kattoliku Floriana, kemm jista' jkun kmieni.

Bla dubju huwa prinċipalment bil-flus miġbura mill-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju, li s-Segretarjat Assistenza Soċjali jista' jwettaq tant ħidma. Ċertament il-ġbir ta' fondi huma importanti iżda l-preżenza tagħna kull fejn hemm it-tbatija hija aktar

importanti. Veru li ħafna drabi dan jitlob minna sagrifiċċju imma f'dan il-każ is-sagrifiċċju għall-imħabba lill-bniedem f'mument ta' bzonn fih valur kbir quddiem Alla.

Inħeġġukom għalhekk biex flimkien mal-Kappillan/Arċipriet u l-frieġħi kollha tal-Azzjoni Kattolika Maltija tagħmlu kull sforz għal din il-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju.

| | | |
|---|---|---|
| Dennis Buttiġieg | P. Damian Cachia O.Carm. | J.Rossi |
| President | Kons. Ekkleż. | Segretarju |

N.B. Infakkrukom li s-S.A.S. ġie eżentat mill-ħtieġa ta' liċenzja biex ikun jista' jsir il-ġbir.

-----------------

*SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TAL-AZZJONI KATTOLIKA*

***Servizz bil-Minibuses***

***Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunita'***

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikulta' ċemplu l-Uffiċċju S.A.S.: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom.

----------------------

**Fergħa Rġiel** – Wirja tal-Mejda tal-Appostli fuq Stil oriġinali mwaqqfa mill-Membri tal-Azzjoni Kattolika Rġiel ġewwa l-Birgu fil-Lokalita' tal-Youth Centre.

**Ħinijiet tal-Wirja** :

Il-Ġimgħa 26 ta' Marzu (Jum id-Duluri) mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m.
Is-Sibt 27 ta' Marzu mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m.
Il-Ħadd 28 ta' Marzu (Ħadd il-Palm) mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m.
It-Tnejn 29 ta' Marzu mill-10.00 a.m. sa 12.00 (għall-iskejjel), mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m.
It-Tlieta 30 ta' Marzu mill-10.00 a.m. sa 12.00 (għall-iskejjel), mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m.
L-Erbgħa 31 ta' Marzu mill-10.00 a.m. sa 12.00 (għall-iskejjel), mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m.
Il-Ħamis 1 ta' April (Ħamis ix-Xirka) mill-10.00 a.m. sa 12.00, mill-5.00p.m. sal-11.00p.m.
Il-Ġimgħa 2 ta' April (il-Ġimgħa l-Kbira) mid-9.00 a.m sas-1.00p.m, mill-5.00 p.m. sad-9.00 pm.

## SKOLA TAL-APPOSTOLAT

Nhar il- Ħamis 18 Marzu 2010
Fid-9.30 a.m.
F'Sala Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana.

## ĠRANET LI FIHOM L-ISTITUT KATTOLIKU MA JIFTAĦX

| | |
|---|---|
| 26 ta' Marzu 2010 | Id-Duluri. Jagħlaq fis-1.00 p.m. |
| 01 ta' April 2010 | Ħamis ix-Xirka. Jagħlaq fis-1.00 p.m. |
| 02 ta' April 2010 | Ġimgħa l-Kbira. Ma jiftaħ xejn. |
| 03 ta' April 2010 | Sibt il-Għid. Ma jiftaħ xejn. |
| 05 ta' April 2010 | *Easter Monday*. Ma jiftaħ xejn. |

- - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - - -



***Trid tagħti rigal b'differenza?***
***fil-Librerija tal-Azzjoni Kattolika –***
***Istitut Kattoliku - Floriana***




***Wieħed isib:***
***Kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.***







***Issibu ukoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'GO''. Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.***



***Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa – mid-9.00 ta' filgħodu sa nofsinhar u mill-4 sas 7.30 ta' filgħaxija, is-Sibt – filgħodu biss***






***Tel: 21 237031***

***Għalhekk ixtri ir-rigali tiegħek minn din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.***

# IKLA GHALL-FAMILJA

***Pizza, Pasta u …… ħafna divertiment***

L-Azzjoni Kattolika Maltija se torganizza ikla għal membri, familjari u ħbieb nhar il-Ħamis 18 ta' Marzu, 2010 – tal-Kaptan Restaurant – Valletta Waterfront fis-7.30 ta' filgħaxija.

# MENU

**Selection of dips and foccacias to share including:**
**Mango Dip, Bigilla Dip, Hummus Dip, Blue Cheese Dip, Chicken Liver Dip and Tuna Dip, all served with Maltese biscuits.**

## Salads

**Chix Mix Salad***
Chicken strips with egg, croutons, bacon and parmesan shavings served with a Caesar dressing over a bed of mixed greens.

**Greek Salad (v)**
Tomatoes, calamatta olives, cucumber, feta cheese and onions served on a bed of Rucola leaves.

## Pizza

**Margherita (v)**
Tomato sauce, mozzarella and cherry tomatoes.

**Funghi (v)**
Tomato sauce, mozzarella, mushrooms and oregano.

**Four Seasons***
Tomato sauce, mozzarella, mushrooms, sweet corn, eggs and spicy sausage.

## Pasta

**Four Cheeses (v)**
Tomato sauce, goats' cheese, blue cheese, ricotta and mozzarella.

**Capricciosa***
Tomato sauce mozzarella, mushrooms, ham, artichoke hearts and eggs.

**Napolitana**
Tomato sauce, mozzarella, anchovies, black olives and cherry tomatoes

**Chicks on shrimps**

Penne with chicken and prawns flavoured with garlic, wine, a tomato based sauce and a touch of cream.

**Jolly Roger**

Spaghetti with beef ragu' and mushrooms, served with a tomato based sauce.

**Cheesy Lover**

Penne with ricotta, blue cheese, parmesan, walnuts and leeks with cream.

**Kajjik**

Penne with tomato sauce, Maltese sausage, chili, onions, garlic, white wine, goats' cheese and tomatoes.

Dezerta u Café

Prezz: **€ 15.00**

Il-biljetti jistgħu jinxtraw mis-Segreterija (Tel: 21222239) jew mill-Bookshop (Tel: 21237031) tal-Azzjoni Kattolika l-Furjana sa nhar il-Ġimgħa 12 ta' Marzu 2010. **IMPORTANTI** li meta tibbukkjaw tgħidulna x'se tieklu salad jew pizza jew pasta. **Trasport mhux provdut**.

**Għalhekk ejjew, ġibu l-familja u ħudu gost magħna!!!!!!!!!!!**

